Newspaper Post

# Żminijietna

www.zminijietna.org

Vol.5 Nru.9 Jannar-Marzu 2011 40c

## L-Arti, il-faqar u l-eskużjoni soċjali

L-Arti hija forma ta' komunikazzjoni u espressjoni universali li tasal direttament fil-qlub tan-nies u fejn l-artisti jesprimu permezz ta' diversi forom dak li jkun qed jiġri madwarhom. Il-faqar hu wieħed minnhom.

L-ewwel inizjattiva biex jiġi meqrud il-ġuħ u l-faqar ittieħdet mill-Ġnus Magħquda bid-dikjarazzjoni tal-Millenium li ġiet adottata minn 189 Stat u ffirmata minn 147 kapijiet ta' Stat u Gvernijiet waqt Summit f'Settembru 2000. Il-miri kienu tmienja bil-għan li jintlaħqu sas-sena 2015.

Il-faqar fil-pajjiżi Ewropej mhuwiex allarmanti daqs pajjiżi oħra li qegħdin jiżvillupaw iżda xorta huwa inkwetanti. Din is-sena Ewropea ddedikata għall-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, trid tilħaq erba' objettivi li huma: li tagħraf id-drittijiet ta' dawk li qed iġarrbu l-faqar u biex ikunu nklużi fis-soċjeta. L-aktar f'riskju ta' faqar huma t-tfal, dawk in-nies qiegħda, nies bil-paga minima jew part-time, ommijiet xebbiet, persuni b'diżabilita u bi problemi mentali u soċjali, ex ħabsin u drogati, kif ukoll refuġjati.

Biex tfakkar din is-sena ddedikata lill-Faqar, l-organizzazzjoni Żminijietna-Leħen ix-Xellug tellgħet wirja ta' l-Arti ġewwa Gallerija Libertá tal-GWU.

Il-wirja ġiet inawgurata mill-ET il-President ta' Malta Dr George Abela nhar is-6 ta' Diċembru 2010 fejn saħaq li l-policies tal-pajjiż iridu jkunu ndirizzati lejn dawk is-setturi ta' nies l-aktar li qegħdin ibatu. B'hekk inkunu nistgħu noħorġuhom mill-problemi li jinsabu fihom.

Hu semma wkoll kif il-MCCF wettqet studju fil-pajjiż ħalli jkun hemm stampa aktar riċenti tal-ħajja li qegħdin jgħixu l-familji lokali minn dik li ħarġet sentejn ilu fil-*Household Budgetary Survey*. Il-President Dr Abela kompla jgħid li l-faqar fl-Ewropa għadu realtá u s-sors tal-faqar huwa mportat minn kontinenti oħra imma din il-problema għadha ma ġietx indirizzata.

*Ġewwa ...*
**Intervista minn Michael Grech ma' psikjatra Palestinjana**

**Kitbiet minn ...**
**Mark Montebello**
**A. Pert**
**Lino Vella**
**Mary Anne Zammit**
**Sammy Camilleri**

### *Pjan bizzilla*

# Se jkissru l-pensjoni biex jipprivatizzawha

*"Qiegħed jinħadem pjan bizzilla"*. Tgħid se jħallu l-pensjoni minima tisfuma fix-xejn biex ma tkunx biżżejjed ħalli tiżgura għixien diċenti lill-ħaddiema li jkunu irtiraw wara snin twal ta' xogħol?

Ir-rapport finali dwar il-pensjonijiet qiegħed jirrakomanda li jiddaħħlu żewġ sistemi, li qegħdin isejħulhom pilastri, biex finalment il-pensjoni tkun privatizzata.

Delegazzjoni minn Żminijietna attendiet għall-laqgħa ta' konsultazzjoni li għamel l-espert privat imqabbad mill-gvern biex flimkien ma' kumitat jagħtuh pjan dwar il-futur tas-sistema tal-pensjonijiet.

Qed jgħidu, li minnufih il-gvern għandu jdaħħal it-tielet pilastru li huwa meta il-persuna tħallas lill-kumpaniji privati għal skema ta' pensjoni. Nistaqsu, għalfejn għandu jkun il-Gvern li jinċentiva din l-iskema, u lill-privat, bi flus il-poplu?

L-espert tal-gvern, Spiteri Gingell, qal lil Żminijietna li l-għan tiegħu huwa li jiżgura li l-pensjoni minima tkun biżżejjed biex tipprovdi għixien diċenti lill-pensjonat. L-espert spjega wkoll il-ħsibijiet tiegħu dwar it-tieni u t-tielet pilastri.

S'issa qegħdin nifhmu li l-iskema ta' tieni pilastru trid tkun mandatorja, jiġifieri bil-fors. Li l-ħaddiema u l-employers iħallsu huma lill-kumpaniji privati biex ikollhom skema ta' pensjoni.

Li qalu ċar huwa li la l-flus li jħallsu l-ħaddiema u lanqas l-iskema miftehma mal-privat mhuma se jkunu garantiti u protetti mill-gvern. F'każ li xi kumpanija privata tfalli - u hemm mijiet ta' kumpaniji bħal dawn li fallew - l-ħaddiem se jibqa' b'xiber imnieħru.

Ftit jiem biss wara din il-laqgħa, oħroġ il-għaġeb, il-*'working group'* ta' Spiteri Gingell ħareġ stqarrija fejn iddikjara li l-pensjoni minima mhix se tibqa' biżżejjed biex tipprovdi għixien diċenti. Minflok m'huma jaħsbu kif se jiżguraw li l-pensjoni minima se tibqa' diċenti, qegħdin jinsistu bil-qawwa biex il-gvern jintroduċi minnufih sistemi li permezz tagħhom il-pensjoni tiġi privatizzata. *Dan ukoll wara kantaliena ta' propaganda biex ibellgħuha lill-poplu li l-pensjoni m'għadhiex sostenibbli u li hemm bżonn urġenti ta' miżuri biex din tiġi salvata(!).*

Il-Gvern mill-banda l-oħra ħabbar miżuri li għandhom jidħlu fis-seħħ din is-sena, li huma żieda fil-kontribuzzjoni għal dawk taħt –il 48 sena u li jaqalaw aktar minn 17,000 euro fis-sena.

Sirna nafu wkoll li l-iskema tal-pensjoni preżenti mħaddma mill-Gvern dejjem kienet sostenibbli. Anzi għamlet il-profitti. Li ġara huwa li qatt ma kien hemm fond speċifiku għall-pensjoni.

Il-flus imħallsa bħala kontribuzzjonijiet u l-profitti iġġenerati dejjem marru "fil-kaxxa ta' Malta" u l-gvern użahom għal x'hiex ried. Fil-pjani mħabbra mill-Gvern dwar ir-riforma, dan il-fond baqa' ma ssemmhiex, li jfisser li flus miġbura ser jibqgħu jmorru fil-fond konsolidat. *"Addio sostenibiltá"*

Sirna nafu ukoll li l-problemi veri tas-sostenibiltá tal-pensjoni jibdew jinħassu mas-sena 2030. Għalhekk nemmnu li hemm żmien biżżejjed biex isir ippjanar serju biex jittieħdu il-passi neċessarji u bil-galbu biex is-sistema preżenti tiġi msaħħa u biex il-pensjoni minima tal-gvern tkun waħda li tipprovdi ħajja diċenti lill-pensjonanti.

Imma jidher, minn wara l-kwinti, li moħħhom mhux f'dan. Mhux li jsaħħu l-pensjoni preżenti, imma li jipprovdu għajn ta' qliegħ lill-kumpaniji privati.

Huwa fatt li l-gvern diġá ħa passi biex il-ħaddiema jibdew iħallsu aktar f'kontribuzzjonijiet. Nistaqsu lill-*'working group'*, mhux aħjar li minflok il-ħaddiema jħallsu l-kontribuzzjoni ġdida lil xi kumpaniji privata, jżiedu l-kontribuzzjoni tagħhom għal dik statali, bil-garanzija kollha li meta jirtiraw żgur se jkollhom pensjoni u li din se tkun diċenti?

Fuq din il-premessa Żminijietna - Leħen ix-Xellug - tinsisti sabiex jitħejja studju xjentifiku ħalli jevalwa l-impatt tal-kontribuzzjonijiet żejda fuq il-ħaddiema. Li jkun hemm fond speċifiku għall-flus tal-pensjonijiet u li dan il-fond ikun taħt kontroll serju mit-trejd unjins u l-imsieħba soċjali u mhux jibqa' għajn ta' flus għall-gvern.

Il-proposta ta' t-tieni pilastru kif mħabbra mill-*'working group'* mhiex waħda ġusta u ma tkoprix lil kulħadd, fosthom dawk bil-paga minima, dawk b'xogħol prekarju u atipiku u dawk qiegħda. Anzi nqisu li din ser tifred aktar lill-ħaddiema. Aħna tal-fehma li għandha tissaħħaħ is-sistema tal-pensjoni preżenti, fil-waqt li t-tielet pilastru għandu jibqa' suġġett privat bejn l-individwu u l-kumpanija ta' l-assikurazzjoni.



***Il-President ta' Żminijietna, Michael Camilleri (xellug) jitkellem waqt il-ftuħ tal-wirja. Jidhru wkoll l-ET il-President George Abela, il-President tal-GWU, Victor Carachi u s-Segretarju Ġenerali tal-GWU Tony Zarb (lemin)***

## L-artisti

Madwar 22 artist ħadu sehem fil-wirja b'xogħlijiet artistiċi ta' arti viżwali, skultura, ċeramika u pittura. L-artisti li esibixxew kienu Ray Azzopardi, Phillippe Agius, Abi Mc Leod, Kevin Attard, Oriana Aqiulina, Elizabeth Borg, Desiree Dimech, Clare Ciantar, Paul Galea, Josephine Galea, Sergio Gauci, Godwin Cini, Andrew Giordemaina, Chris Muscat, Mario Pullicino, Luciano Pavia, Gianni Pace, Joseph Pulo, Godfrey Xuereb, Saviour Xuereb, Nadia Zammit u Marie Anne Zammit.

# ‘REŻISTENZA’ Ewropea kontra l-Awsterità

**minn Lino Vella**



L-Ewropa għaddejja minn taqlib kbir ta’ reżistenza mill-Klassi tal-ħaddiema, taqlib li ilna ma’ narawh żmien twil. L-indikazzjonijiet jagħtu wieħed x'jifhem li ser naraw twaqqiegħ ta’ Stati u Gvernijiet f’din l-epoka kapitalista.

Id- 29 ta’ Settembru 2010 ser jibqa’ mfakkar għal dawk l-eluf ta’ ħaddiema li erħula lejn it-toroq prinċipali ta’ Madrid fejn hemm sar strajk ġenerali. Il-maġġoranza kbira tas-sewwieqa tat-trakkijiet u x-‘xarabanks’ - aktar minn 80% - irrifjutaw li jaħdmu fil-livelli kollha. Dan kien jum ta’ 'strajk ġenerali’, l-ewwel darba fi Spanja wara tmien snin. Fi Spanja għaxar miljun ħaddiema madwar il-pajjiż żgurat li żibel ma’ jinġabarx, li l-istazzjonijiet tat-TV bosta jkunu mitfija u li 75% tat-titjiriet jkunu kkanċellati. L-istrajk kien wieħed ta’ suċċess, u dan ikkonfermatu l-ETUC.

L-istrajkijiet kienu msejjħa bi protesta kontra l-miżuri ta’ awsterità li qed jiġu mplimentati mill-Gvernijiet Soċjal Demokratiċi u dawk ta’ ċentru lemin, li jinkludu tnaqqis fil-paga medja u minima, tkeċċijiet ta’ mpjegati ta’ l-istat u l-iffriżar tal-pensjonijiet, kif ukoll tnaqqis fil-benefiċċji soċjali.

Strajks oħra seħħu f’pajjiżi oħra Ewropej. Mijiet ta’ eluf ta’ dimostranti u ħaddiema ddimostraw fit-toroq ta’ Greċja, Portugall, Slovenja, il-Polonja, l-Italja, ir-Rumanija, is-Serbja, Franza u l-Irlanda. Lkoll għaddejjin minn kundizzjonijiet simili. F’Malta il-miżuri daħħlu baxx baxx bil-privatizzazzjoni tal-gass u entitajiet oħra, żieda fil-prezzijiet ta’ l-enerġija u l-ilma, żieda fl-eta tal-pensjoni u tnaqqis fis-servizzi soċjali.

Fi Brussels 100,000 ħaddiem ipprotestaw għal diversi sigħat quddiem l-uffiċċju ta’ l-UE biex, jgħidu ‘le’ għall-pjanijiet ta’ awsterità, sew jekk adottati mill-gvernijiet jew mill-istituzzjonijiet Ewropej. F'Dublin, dimostrazzjoniet kbar seħħew nhar is-Sibt 27 ta’ Novembru fejn ma’ 70,000 ħaddiem niżlu fit-toroq.

“Dan huwa każ ta’ fejn l-innoċenti qed jiġu kkastigati għal reat li huma ma’ kellhom l-ebda parti fih. Il-klassi tal-ħaddiema Ewropea qed tħallas hi għall-kriżi ekonomika, filwaqt li l-faqar fl-Ewropa qed jkompli jiżdied.”

Tgħid ser naraw taqlib politiku favur ekonomija soċjali, fejn minn falla l-pajjiżi u sinjuri jħallsu għal din il-kriżi? Joħroġ ċar li l-kapitaliżmu kien hu li qed jiffinanzja l-ġlieda kontra klassi tal-ħaddiema, sabiex jakkumula aktar profitti.

Il-ġlidiet riċenti fl-Ewropa huma bidu tajjeb, imma dawn huma biss il-bidu. Il-miżuri ta’ awsterità li qed naraw madwar l-Ewropa huma biss l-ewwel daqqa li se tkun ta’ battalja twila bejn l-interessi tal-kapital u dawk li jgħixu biex jiddefendu l-interessi tal-klassi tax-xogħol u l-foqra.

# Il-Kummissarju Ewropew John Dalli u l-GMOs

Il-Kummissarju Ewropew għas-Saħħa u l-Affarijiet tal-Konsumatur John Dalli riċenti sab ruħu fiċ-ċentru ta’ kontroversja ambjentali u politika fejn petizzjoni ta’ aktar minn miljun ċittadin Ewropew ta’ 1,030,308 ġiet preżentata lilu mill-Organizzazzjoni Ambjentali *Greenpeace* kontra l-kultivazzjoni ta’ uċuħ modifikati ġenetikament. 1,168 firma kienu minn Malta. Din saret wara l-approvazzjoni tiegħu għall-kultivazzjoni tal-patata GM BASF ‘reżistenti għall-antibijotiċi’ bl-isem ta’ Amflora.

Il-petizzjoni qed titlob għall-waqfien ta’ kwalunkwe awtorizzazzjoni ta’ kultivazzjoni sakemm korp indipendenti xjentifiku u ta’ etika jitqiegħed fis-seħħ mill-Kummissjoni Ewropeja għar-riċerka ta’ kull impatt li jista jsir mill-OGM fuq is-saħħa tal-bniedem u eko-sistema. Il-petizzjoni tindirizza wkoll inizjattiva oħra meħuda mis-Sur John Dalli f’Lulju li għadda mmirata biex tagħti lill-istati membri l-libertà li jiddeċiedu għalihom infushom jekk iħallux l-koltivazzjoni ta’ prodotti ġenetikament modifikati fit-territorju tagħhom. Il-maġġoranza ta’ l-Istati membri qed jopponu din il-proposta tal-Kummissarju John Dalli. Din il-proposta sabet resistenza qawwija wkoll minn għaqdiet ambjentali, movimenti u partiti tax-Xellug u dawk Ħodor.

Il-gazzetta Żminijietna ħadet l-kummenti ta’ l-*Għaqda Universitarja Greenhouse* fuq din il-materja, fejn dawn qalulna li l-produzzjoni u koltivazzjoni ta’ Organiżmi Ġenetikament Modifikati (OGM) huwa każ sensittiv ta’ xafra li taqta’ minn żewġ naħat. Għalkemm ma nistgħux nirrifjutaw il-fatt li t-teknoloġija hija mportanti u li OGM jistgħu jżidu l-produttivitá tal-prodott. Wieħed imma tajjeb li jsaqsi jekk dan il-vantaġġ huwiex akbar mill-iżvantaġġi li dawn iż-żrieragħ imbabsin f’laboratorji għandhom. U bla ma noqgħodu nidħlu fil-mertu ta’ kull theddida li dawn l-organiżmi ġew ikkritikati bihom, l-aktar tnejn li għandhom potenzjal li jkunu diżastrużi għall-produzzjoni tal-ikel huma it-trasferiment ta’ *patents* tad-DNA ta’ dawn iż-żrieragħ f’idejn kumpaniji kummerċjali u l-possibilta` ta’ dawn l-organiżmi li joħolqu *bacteria* u organiżmi oħra patoġeniċi li jkunu reżistenti għal antibijotiċi li s’issa qed jirnexxilha toqtolhom.

L-ewwel punt huwa wieħed kruċjali speċjalment għall-pajjiżi li għadhom qed jiżviluppaw peress li l-bdiewa li s’issa kienu qegħdin iżommu ż-żerriegħa tagħhom minn staġun għall-ieħor, issa ma jistgħux jagħmlu dan peress li ż-żerriegħa legalment ma tkunx tagħhom. Apparti minn hekk żrieragħ OGM jistgħu jikkontaminaw għelieqi fil-viċinanzi u din hija waħda mill-fatturi għaliex il-proposta tal-Kummissarju Dalli li jħalli l-iStati Membri jiddeċiedu jekk iħallux il-kultivazzjoni ta’ OGM hija waħda żbaljata peress li anke jekk tħalli *buffer zones* bejn għalqa li fiha jitkabbru OGM u oħra fejn ma jitkabbrux, qatt ma tista’ tgħid pollen jew żerriegħa minn għalqa tispiċċax f’għalqa oħra. Apparti minn hekk dan it-tixrid ma jaf l-ebda fruntiera u għalhekk pajjiż li jawtorizza OGM jista’ jkun il-kaġun ta’ kontaminazzjoni ta’ għelieqi f’pajjiż li ma jawtorizzax dawn l-istess OGM.

Il-fatt li dawn l-OGM jistgħu jikkrejaw bacteria u organiżmi oħra aktar reżistenti għal antibijotiċi ħasseb lil ħafna. L-awtorizzazzjoni tal-Kummissarju Dalli tal-patata Amflora seħħet anke jekk l-Awtorita` Ewropea tal-Mediċina saħqet li din il-patata tista’ tikkaġuna mard aktar reżistenti.

Fl-opinjoni tal-organizzazzjoni *Greenhouse* l-OGM huwa ta’ riskju wisq kbir għall-Ewropa anke jekk jistgħu joffru xi vantaġġi. Riċerki aktar utli għandhom jingħataw aktar importanza fosthom riċerka dwar varjetajiet u *hybrids* li jipproduċu aktar prodotti u ricerki oħra sabiex l-ispazju jkun jista’ jintuża aktar aħjar għar-riċerka li ilha għaddejja għal ħafna snin iżda bi ftit impatt fuq l-agrikoltura kummerċjali, temmet tgħid *l-Għaqda Universitarja Greenhouse.*

L-Għaqda Żminijietna – Leħen ix-Xellug wkoll ikkritikat il-proposta tal-Kummissarju John Dalli fil-laqgħa ta’ MUESAC dwar din il-materja u saqsiet xi tkun il-problema reali li nkunu qed niffaċċjaw jekk din taqa’ f’idejn l-Istati Membri meta lkoll nafu li l-kontaminazzjoni ma fihiex fruntieri u meta jista’ jasal żmien fejn ikollna Gvernijiet li jaqgħu għall-pressjoni esterna sabiex jiddaħħlu l-OGM fit-territorju tagħhom. Saqsejna wkoll x’inhi l-problema li ser nkunu qed niffaċċjaw f’Malta meta lkoll nafu li l-Kummissarju Malti John Dalli ma għamilx oġġezzjoni għall-patata ġenetikament modifikata Amiflora (OGM) u fil-futur din il-persuna tista’ terġa tkun parti mill-Gvern ? Staqsejna wkoll x’jista jiġri jekk ikun hemm Gvernijiet li jkunu favur l-kultivazzjoni ta’ OGM fit-territorju tagħhom, u sa fejn tasal is-saħħa tal-kumpaniji f’dan ir-rigward? S’intendi dawn il-mistoqsijiet ma ġewx imwieġba, bħalli kieku l-qasam ta’ l-ambjent mhuwiex wieħed politiku.

## ABBONAMENT GAZZETTA ŻMINIJIETNA

***ISEM*_____________________________________________**

***INDIRIZZ*___________________________________________**

***KODIĊI POSTALI*____________________________________**

***Email*_____________________________________________**

***Ghal sena (5euro)*** ***Sentejn (10euro)***

**Ibaghtuha f’dan l-indirizz: Żminijietna, c/o 14/8, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta. VLT1432.**

Editorjal

# Xellug u Lemin

Differenza ewlenija fit-twemmin tax-xellug u dak tal-lemin hija dik bejn is-solidarjetá u l-egoiżmu. U din id-differenza ssib il-lat prattiku fil-kwistjoni tat-taxxi u s-servizzi soċjali.

Id-duttrina tal-kapitaliżmu u tal-lemin hija msejsa fuq il-ħrafa li n-nies ma jridux iħallsu taxxi, aħseb u ara żjidiet f'dawn it-taxxi. Jiġu jaqgħu iqumu li dan iwassal għal inqas servizzi mill-istat, fosthom dawk soċjali u edukattivi.

Anzi jippriedkaw li dawn is-servizzi huma responsabiltá ta' l-individwu u li dan għandu jħallas għalihom.

Dan kollu jifforma s-sisien tal-ġlieda tal-klassi li, għall-kuntrarju tal-propaganda tal-lemin, m'għebitx imma qegħda kuljum tiħrax.

Għal-lemin bħalissa miexi kollox bizzilla. Ħolqu l-kriżi ekonomika biex b'hekk għandhom skuża ikissru l-kisbiet li l-ħaddiema għamlu tul is-sekli b'sagrifiċċji enormi.

Qegħdin jgħidu li biex il-pajjiżi joħorġu minn din il-kriżi, il-gvernijiet ma jistgħux ikomplu jonfqu daqs kemm kienu u għalhekk qegħdin iwettqu tnaqqis selvaġġ fl-infieq.

B'din l-iskuża ta' tnaqqis fl-infieq qegħdin ikissru s-servizz tas-saħħa ta' l-istat ħalli dawk għonja biss igawdu saħħa tajba u ħajja twila, fl-istess waqt li jsiru profitti kbar minn dan is-servizz.

Ma jimpurtahomx li bil-massakru li ħafna gvernijiet tal-lemin qegħdin jagħmlu fis-servizz tas-saħħa se joqtlu lin-nies. Dan qegħdin jgħiduh esperti li żgur li m'humiex "ħomor". Twissija bħal din għadha kif ingħatat mill-kap tar-Royal College of Nursing tar-Renju Unit li qal li bit-tnaqqis fin-numru ta' infermiera se tiġi mhedda l-ħajja tal-pazjenti.

Mira mportanti tal-lemin hija t-tkissir tas-sistema statali ta' l-edukazzjoni. Ma jaħmlux jaraw il-ħaddiema u wlied il-ħaddiema jitgħallmu u jiġu edukati.

Ix-xellug dejjem iġġieled biex il-ħaddiem jikseb tagħlim u edukazzjoni. Qabel ma dan irnexxa, l-għonja edukati kienu jmexxu kull settur tal-pajjiż fil-waqt li l-ħaddiem injurant kien biss is-serf jew l-għodda tagħhom.

Kullimkien il-lemin għamel ġlieda kontra l-edukazzjoni għal kulħadd, speċjalment l-edukazzjoni għolja. Niftakru hawn Malta x'kien sar meta l-gvernijiet Laburisti pprovaw jifthu l-edukazzjoni universitarja għal ulied il-ħaddiema.

L-istess fenomenu qegħdin narawh il-lum f'ħafna pajjiżi ta' l-Amerika Latina fejn gvernijiet tax-xellug qegħdin jaħdmu biex jifthu l-edukazzjoni universitarja għall-popli ndiġeni imma qegħdin isibu protesti u xkiel mill-istudenti ta' nisel Spanjol li s'issa dejjem kienu l-*elite* u li kellhom il-futur tagħhom, li jikkontrollaw kull qasam tal-pajjiż, żgurat u qegħdin jaraw dan il-kontroll jibda jisfuma.

Il-lemin jibki d-dmugħ tal-kukkudrill u jippriedka li n-nies ma jridux u ma jifilħux iħallsu t-taxxi. Għalhekk meta jitnaqqsu jew jitneħħew "dawn il-piżijiet", iċ-ċittadini jkunu kuntenti u ferħanin.

Dan mhu xejn ħlief qerq li sfortunatament hawn ħafna, speċjalment żgħażagħ, li belgħuh. U tisma' min jgħid: għaliex għandi nħallas għal ħaddieħor?

Imma l-ħaddieħor diġá ħallas għalik, ħallas għall-edukazzjoni u għall-vantaġġi kollha li gawdejt tul-ħajtek sakemm bdejt taħdem u anke wara.

U mill-ideoloġija kontra t-taxxi jgawdu biss l-aktar dawk li huma għonja, dawk li jridu jikkontrollaw il-ħajja ta' kulħadd bħal ma kienu jagħmlu fil-Medjuevu u fi żmien il-monarkiji.

Iridu l-magħżulin imexxu u jaħkmu u kontra din l-idejoloġija li x-Xellug irid jiġġieled. U din il-ġlieda trid tkun imsejsa fuq is-solidarjetá u fuq l-għaqda għax fl-għaqda biss hemm is-saħħa ... kif jaf sew il-lemin li jipprova jkisser il-unjins u jdaħħal l-individwaliżmu egoista.

## L-Għaqda Żminijietna -Leħen ix-Xellug

***Żminijietna -Leħen ix-Xellug huwa moviment xellugi u jinkludi membri tal-Partit Komunista, il-Partit Laburista, l-Alternattiva Demokratika, ħaddiema, akkademiċi, studenti, trejd unjonisti, ġurnalisti u pensjonanti.***

***Żminijietna hija l-leħen tax-xellug. Il-mira ewlenija hi li l-għaqda jkollha preżenza ikbar fis-soċjeta' permezz ta' attiviżmu minn perspettiva xellugija, b'emfażi fuq il-prinċipji ta' l-ugwaljanza, ġustizzja soċjali u sostenibilta' ekoloġika.***

***Din ir-rivista hija waħda mill-ħidmiet ta' l-Għaqda u wieħed jista' jabbona permezz ta' ċekk jew money order ta' 5 euros fl-indirizz: 14/8, Vincenti Bldgs, Triq id-Dejqa, Valletta.***

***Kull korrispondenza għandha tintbagħat fl-indirizz ta' hawn fuq jew zminijietna@yahoo.com***

**Il-kitibiet fir-rivista huma l-fehmiet u opinjonijiet tal-kittieba u mhux bil-fors jirriflettu l-policy uffiċjali ta' l-Għaqda Żminijietna.**

**Il-gazzetta Żminijietna hija pubblikazzjoni ta' l-Għaqda Żminijietna. Disinn: KoPri Koperattiva Ltd. Stampar: Union Print, Marsa.**

# X`Ma Jkunx Hawn Faqar!!

**A. Pert**

Il-globalizazzjoni hija vantaġġuża fil-prinċipju, għas-soċjetá kollha. Tkabbar il-produzzjoni tant u biżżejjed biex tonqos it-tbatija tal-ħaddiema, u jiżdied il-qliegħ tas-sid, u jorħos il-prezz tal-prodott għall-konsumatur. Tilħaq l-għan soċio-politiku tax-Xellug meta mat-tkabbir ekonomiku, jiġu żvilupp-ati avvanzi relattivi fil-fazzjonijiet soċjali, industrijali, ambjentali, u politiċi tad-demokrazija.

Sfortunatament il-globalizazzjoni qed titħaddem fuq linji ferm il-bogħod mill-prinċipju tal-vantaġġi potenzjali tagħha. Il-produzzjoni qed titkabbar b'sagrifiċċji ħorox li jiġu sfurzati jagħmlu l-ħaddiema, biex jikber il-qliegħ tas-sidien u xorta ma jkunx hemm roħs għall-konsumatur. Din it-tip ta globalizazzjoni qed tirredikola t-teżi ekonomika tal-"provvista u domanda", u ddur mal-famuża teorija Marxista tas-"Surplus Value".

Mill-valur miżjud bix-xogħol tagħhom, il-maġġoranza tal-ħaddiema qegħdin jieħdu biss żieda fit-tnaqqis tal-pagi, f`sensji, f`xogħol partajm u mpjiegi nstabbli minn xahar għal ieħor. Waqt li l-pagi u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema qed jittieklu b'dan il-mod, il-qliegħ tas-sid ma jonqosx, biex ma ngħidx li jibqa' jiżdied mill-valur miżjud li ma jieħdux il-ħaddiema. Il-qliegħ jikber ukoll bl-amalgamar ta' mpjanti/xogħolijiet/ditti mingħajr fruntieri.

Sidien ikomplu jimmassimizzaw il-profitti billi jifformaw kartell bejniethom biex jiddettaw il-prezz li jridu, bħalma jsir fil-beraħ fil-każ taż-żejt. Oħrajn iġibu l-prezz iżjed profittabbli billi jillimitaw il-provvista ta' prodotti essenzjali, akkost li jħallu n-nies bil-ġuħ, bħalma sar per eżempju bir-rimi fil-baħar, ta' eluf kbar ta' tunellati ta' kafé u ta' tagħbijiet sħaħ ta' vapuri mimlija tuffieħ bnin, u billi muntanji ta' butir u ġobon tħallew jimmoffaw, meta miljuni ta' nies ma kellhomx biex jitrejqu. Dak rispett għat-teżi tal-provvista u d-domanda!

Dawn il-profitti mmensi skandalużi minn fuq il-valur miżjud tal-ħaddiema u a skapitu tal-miljuni ta' foqra, l-multinazzjonali u sidien oħra alleati tagħhom, jinvestu perċentwal minnhom f`kampanji politiċi, biex ma jkunx hawn gvernijiet verament xellugin, li jopponu dak l-isfruttament tal-kotra madwar id-dinja. Anzi jaslu li jinfluwenzaw xi gvernijiet biex jipprivatizzaw l-assi statali, anke dawk tas-servizzi strateġiċi, biex jikkapparraw monopolji f`dawk l-oqsma, akkost li jiżvantaġġaw liċ-ċittadini u l-istat. Daqstant jirrispettaw il-kummerċ ġust.

Dak il-poter moħbi wassal biex ebda gvern ma waqqafhom meta l-valur miżjud bix-xogħol tal-ħaddiema ħaduh huma, u nefħuh bil-goff, u waqqgħu lill-banek jixtru bonds tad-dejn esaġerat li ħolqu fuqu. Fil-ġirja wara dak il-ġid fittizju, l-banek privati famużi xtraw djun u sellfu flejjes f`ammonti ta' għaxar darbiet iżjed milli jippermettu r-regoli nternazzjonali. Għalkemm kienu jafu li d-djun qatt ma setgħu jitħallsu lura, bankiera ħadu bonuses kbar talli fil-kotba wrew tkabbir fittizju tal-assi tagħhom. Jiġifieri kielu ħafna miż-żerriegħa tal-ġid li għad irid jinħoloq f`medda twila tas-snin li ġejjin.

Dik l-irresponsabiltá prodott tal-politika neo-liberali tal-libertinaġġ, falliet għadd ta' banek kbar privati, u heżżet is-sistema finanzjarja kapitalista tant, li kienet tikkrolla għal kollox kieku l-gvernijiet ma daħlux jippumpjaw eluf ta' biljuni ta' dollari biex isalvawha.

Dan ifisser li wara li nsterqu mill-valur ta' xogħolhom, il-kotra tal-ħaddiema issa se jitgħabbew b'iżjed taxxi u sagrifiċċji, biex jagħmlu tajjeb għal dik il-parti kbira fittizja tal-biljuni li għad m'għandiex valur monetarju reali. X'ma jkunx hawn faqar fid-dinja ddominata mill-mostru tal-imperaturi multinazzjonali !

Dawk huma l-iżjed elementi perikolużi li faqqsu mit-tgħawwiġ tal-globalizazzjoni, li bihom il-multinazzjonali nfettaw il-ferita oriġinali, li kibret f'ġerħa ta' faqar dinji. Il-kura hija d-duwa xellugija li bl-għodda soċjalista tat-tkabbir tal-ekonomija, tiżviluppa stat demokratiku ta' ġustizzja soċjali, ndustrijali, ċivili, ambjentali, u politiku.

# “Il-klinika tiegħi hija bħal Jihad.”

***Michael Grech jintervista lil Samah Jabr, Palestinjana intelletwali li taħdem bħala Psikjatra.***

***X’inhu xogħol tiegħek?***

Naħdem bħala psikjatra, u jiena d-Direttur taċ-Ċentru tas-saħħa Mentali fil-Komunita ġewwa Ramallah, wieħed mis-seba’ ċentri fil-pajjiż kollu. Iċ-ċentru jgħaqdi l-ħtiġijiet tar-reġjun u tal-madwar ta’ Ramallah. Jiena naħdem ukoll ma’ tfal fiċ-Ċentri tas-saħħa Mentali: fiċ-ċentru ta’ taħriġ u gwida (GTC), għaqda li tinsab ġewwa Betlehem u appoġġjata primarjament minn donaturi Ġermaniżi ġewwa Cologne, Franza. Għandi wkoll il-klinika privata ġewwa Arram, belt ġirien ma’ Ġerusalem, li hija barra l-ħajt li jissepara l-belt mill-‘West Bank’. In-nies mill- West Bank, li għandhom diffikultajiet jidħlu f’Ġerusalem, jistgħu faċilment jilħqu l-klinika peress li ma għandhomx għalfejn jaqsmu l-ebda ‘*check point’*. Jiena wkoll ngħallem il-psikoloġija lil *‘social workers’ u* studenti universitarji li qed jieħdu l-kors tal-mediċina ġewwa l-Universita ta’ Bir Zeit, f’Betlehem u Al Quds.

Jiena nħallat l-akkademika ma’ xogħol klinikali għal raġunijiet varji. Waħda minnhom hi għalfatt li fil-Palestina hemm numru żgħir ta’ *‘practitioners’* fl-akwata tiegħi. Hemm biss 15 il-psikjatra ma’ 3.5 miljun abitanti. Peress li aħna qegħdin ftit, is-servizz tas-saħħa mentali jeħtieġ li jkun anqas *doctor-centred*. Din tgħin wkoll biex titnaqqas l-istigma li teżisti ma’ mard mentali. Fis-soċjeta tagħna, huwa aktar faċli li n-nies imorru għand ‘counsellor’, psikoloġista u social worker milli jmorru għand psikjatra. Barra minn hekk, l-istudji li għamilt ġewwa Franza kienu ħafna aktar influwenzati mill-psikjatra Jacques Lacan, li kien enfasizza l-psikoloġija mill-aspett mediku tas-saħħa mentali.

***Huma l-problemi mentali li titratta relatati ma’ sitwazzjoni politika?***

Ovvjament, numru tajjeb minnhom huma. Dan ir-reġjun jista’ jitqies bħala żona ta’ gwerra. L-oppressjoni u l-okkupazzjoni kienu esperjenzi kroniċi u kontinwi għal ħafna Palestinjani. Barra minn hekk, xi kultant isiru inkursjonijiet militari, li jfisser li huwa komuni ħafna li ssib tfal, nisa tad-dar u nies ordinarji li raw il-mewt vjolenti ta’ ħabib jew qarib.

Imbagħad, kważi l-familji kollha Palestinjani jkollhom stejjer ta’ separazzjoni u diżlokazzjoni. Il-letteratura psikjatrika u l-esperjenza tagħna fil-qasam jgħidulna li meta jkun hemm kriżijiet simili, ikun hemm ‘żieda ta’ neurosis’ u mard ieħor bħal depressjoni u ansjetà. Studji juru li fil-Palestina hemm żieda ta’ ‘Stress Disorder, Post trawmatika’ relatata ma’ dipressjoni u ansjetà. Inti ma tistax tgħid li s-soċjetà kollha mhiex mentalment b’saħħitha, imma int dejjem tista’ tara inċidenza ogħla ta’ dipressjoni u ansjetà. Minbarra l-fatturi militari u politiċi, hemm fatturi oħra bħall-faqar u l-qgħad, li fil-Palestina huma serji ħafna. Dan kollu, kif ukoll l-esperjenzi ta’ priġunerija, huwa trawmi li jnikktu l-Palestinjani ħafna, għal parti mill-ħajja tagħhom. Dawn l-esperjenzi jaffettwaw is-saħħa mentali ta’ ħafna.

Wara dana kollu, anki jekk il-problemi mentali qegħdin hemm u qed jiżdiedu, il-mard mentali għadu l-eċċezzjoni fil-Palestina. Fis-soċjetà Palestinjana hemm xi fatturi li jippermettu lin-nies biex psikoloġikament jimmaniġġaw is-sitwazzjoni fil-pajjiż u l-istress u l-pressjoni li dan jinvolvi. Fattur wieħed huwa ċertament l-istruttura qawwija ta’ ‘extended family’ fil-Palestina li għadha qawwija ħafna, sors ta’ soliderjetà, appoġġ u assistenza fi żminijiet diffiċli (għalkemm, f’dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat l-effett negattiv li l-ħajt qed ikollu fuq l-istruttura tal-familja.). Imbagħad hemm it-twemmin ideoloġiku u reliġjuż ta’ ħafna, li jagħti tifsira għall-ħajja ta’ ħafna u jippermettilhom li jimmaniġġaw is-sitwazzjoni diffiċli li hemm.

***Il-bini tal-ħajt, x’impatt ħalla fuq ix-xogħol tiegħek u l-ħajja tiegħek b’mod ġenerali?***

Il-ħajt għandu impatt fuq il-ħajja tiegħi, ix-xogħol, dik tal-kollegi tiegħi u l-familjari. Il-familja tiegħi kellha ssib allokazzjoni oħra, tħalli l-binja li kellha qabel u ssib appartament biex jipproteġu l-karta ta’ l-identità u d-drittijiet tagħhom bħala ċittadini ta’ Ġerusalemm. Dwar ix-xogħol tiegħi, minbarra dak li għedt qabel, kull jum nqatta’ sigħat twal f’żoni ta’ kontroll (check points), kemm filgħodu u filgħaxija. Imbagħad peress li ma naħdimx biss f’Ġerusalemm, kultant ikolli ngħaddi minn żona ta’ kontroll żewġ jew erba’ darbiet, per eżempju meta nimxi minn Ramallah biex immur Betlehem.

***Minħabba s-sitwazzjoni, qatt ħsibt li tmur tgħix u taħdem barra?***

Qatt. Mort barra biss sabiex nitgħallem u ntejjeb il-ħiliet tiegħi. Minħabba l-ħajja u x-xogħol jien irrid noqgħod hawn, inkompli nagħti s-servizz psikjatriku tiegħi u ngħin oħrajn fid-diffikultajiet tagħhom. Din hija il-ġlieda tiegħi ta’ reżistenza paċifika. “***Il-Jihad tiegħi”.***

Ħafna tbatija li jgħaddu minna n-nies Palestinjani hi waħda ntenzjonata sabiex jagħmluha aktar diffiċli għan-nies biex jibqgħu jgħixu hawn, u tħeġġiġhom li jfittxu kenn u ħajja anqas mnikkta x’imkien ieħor. Ir-reżistenza tagħna hi li nibqgħu nippruvaw ngħixu hawn kemm jista’ jkun b’mod normali. Għandna nagħmlu sforz biex nirreżistu l-okkupazzjoni, l-ewwel u qabel kollox fl-imħuħ tagħna u fil-ħajja tagħna ta’ kuljum, nitgħallmu kif ngħixu minkejja l-okkupazzjoni, u għalhekk nibqgħu nirreżistuha. Flimkien ma’ ħija u ħuti l-bniet,



bl-għajnuna tal-ġenituri tagħna, qed nippruvaw nagħmlu karriera hawn f’dan il-pajjiż, minkejja d-diffikultajiet.

***Inti tgħix fl-art okkupata. Barra minn hekk inti mara li tgħix f’soċjetà li, skond ħafna, tiddiskrimina kontra n-nisa. Għalhekk, huwa l-każ li n-nisa qed jgħixu esklużjoni doppja, waħda li hija aktar reletata ma’ nazzjonalità tiegħek u l-oħra li tkun mara?***

Personalment, jiena għext l-esklużjoni li tkun mara aktar barra milli fil-Palestina. Meta kont barra, f’Pariġi (il-kapitali tal-‘Enlightenment’) ġejt iddiskriminata għall-kulur tal-ġilda tiegħi, u għall-reliġjon li nħaddan u li tkun mara. Fil-familja tiegħi jiena mdawra minn ħafna nisa, kollha kkwalifikati ħafna. Fix-xogħol tiegħi, jiena nmexxi l-organizzazzjoni tiegħi bħala Direttur. Anke meta jiena kont qed nagħmel avvanz fil-professjoni tiegħi, jien m’għaddejtx minn ebda kwalunkwe diskriminazzjoni. Tabilħaqq, fil-ħidma tiegħi bħala psikjatra, li tkun mara huwa ta’ vantaġġ. L-impressjoni li għandi hija li ħafna pazjenti jippreferu mara minn psikjatra raġel.

Madankollu, ma nistax niġġeneralizza l-esperjenza tiegħi ma’ nisa Palestinjani kollha. Fix-xogħol tiegħi niltaqa’ ma’ nisa li qed ibatu minħabba l-fatt li huma nisa. Allura hemm kwistjonijiet u problemi relatati ma’ li huma nisa. Dawk in-nisa li huma sfruttati huma ġeneralment dawk li għandhom edukazzjoni baxxa, u għalhekk ftit hemm ċans li jtejbu ċ-ċirkostanzi tagħhom. Per eżempju, in-nisa li jixtieqIu jitilqu lil żewġhom u ma jkollhomx ċertifikati edukattivi tajba, jkollhom problema biex isibu xogħol tajjeb. Nemmen li għal dawn, l-edukazzjoni huwa l-mezz primarju biex tiġi kkonfrontata d-diskriminazzjoni.

F’dan ir-rigward, l-żvilupp pożittiv huwa li l-Palestinjani fl-Universitá huma aktar bniet milli subien, u dan japplika għall-korsijiet kollha. Per eżempju, filwaqt li fl-Istati Uniti, in-numru ta’ bniet li jagħżlu korsijiet tax-xjenza, matematika u nġinerija huwa relattivament żgħir, fl-universitajiet tagħna għandna predominanza tal-bniet fil-materji kollha, u dan għal diversi raġunijiet (mhux l-inqas il-fatt li aktar faċli għall-irġiel li jispiċċaw f’xi ħabs Iżraeljan jew isibu xogħol bħala Labourer, impjieg disponibbli l-aktar għal ħafna Palestinjani).

***Is-sitwazzjoni fil-Palestina hija spiss imqabbla ma’ dik fl-Afrika t’Isfel fi żmien ta’ l-Apartheid jew ma l-Irlanda ta’ fuq. Is-soluzzjonijiet li qed jiġu proponuti sabiex titnaqqas it-tensjoni f’dawn il-postijiet spiss jissemmew bħala possibbli għall-Art Imqaddsa. Taħseb li dan ir-raġunament huwa korrett?***

Naħseb li l-paragun bejn il-Palestina, l-Irlanda ta’ Fuq u l-Afrika t’Isfel, huwa “dgħajjef ħafna u mhux ġust”.

Fil-każ tagħna, il-Palestinjani qed jiġu ttormentati mill-Iżrael u Żionisti. Dawn huma kapaċi li jipprevjenu l-Ewropa u l-Punent milli jagħmlu xi ħaġa, inkluż il-ħruġ ta’ kundanna sempliċi, minħabba l-anti-Semitiżmu u minħabba li l-Ewropa tħoss ċertu ħtija għall-passat tagħha kontra l-Lhud. Għalhekk nemmen li l-pajjiżi kollha tad-dinja mhumiex lesti li joħorġu kontra l-Iżrael bl-istess mod kif għamlu kontra r-reġim ta’ Apartheid fl-Afrika t’Isfel.

Differenza oħra ta’ mportanza hi l-fatt li l-Palestinjani huma l-aktar Musulmani, mhux Kattoliċi jew Protestanti bħall-Irlanda ta’ Fuq jew predominanti Kristjani bħall-Afrika t’Isfel. F’era ta’ l-Iżlamofobija, jien ma naħsibx li se jkun faċli għall-Palestinjani biex isibu appoġġ minn kwartieri li fil-passat kienu appoġġjaw dawn l-istess gruppi li semmejt int.

Barra minn hekk, b’differenza ta’ l-Afrika t’Isfel, il-Lhud Iżraeljani huma fil-maġġoranza fil-Palestina storika. Dan ma kienx il-każ fl-Afrika t’Isfel fejn il-bojod kienu fil-minoranza. Barra minn hekk, l-espansjoni tal-Lhud Iżraeljani madwar l-Palestina storika u l-ħolqien ta’ avvenimenti ġodda fuq l-art Palestinja jagħmilha diffiċli għal soluzzjoni oħra spiss proklamata mill-komunità nternazzjonali, dik ta’ żewġ stati għal żewġ nazzjonijiet.

*Ikompli f’paġna 5*

# Estensjoni tal-Leave tal-Maternitá - Iva jew Le?

Marie Anne Zammit

Jgħaddi kemm jgħaddi ż-żmien, il-parteċipazzjoni tan-nisa fil-kamp tax-xogħol dejjem qed tibqa' baxxa aktar miċ-ċifra mistennija u anke meta mqabbla ma' pajjiżi oħra.
Statistika ppublikata mill-*Eurostat* meħuda fis-sena 2009 tindika li l-attivita tan-nisa f' Malta fix-xogħol hi l-aktar baxxa u l-aktar f'dik l-eta ta' bejn 25 u 54 sena. Waħda mir-raġunijiet hija r-responsabbiltá tal-familja li qed tħalli ħafna nisa barra mis-suq tax- xogħol.

Il-Kummissjoni Ewropea fit-2008 ipproponiet minimu attwali ta' estensjoni tal-leave tal-maternitá minn 14-il ġimgħa għal 18-il ġimgħa li sitta minnhom kien ikollhom jittieħdu wara l-ħlas tat-tarbija.

*Il-Kumitat għad-drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza* wkoll ipproponew estensjoni tal-leave tal-maternitá għal minimu ta' 20 ġimgħa li minnhom 6 ġimgħat ikunu leave minimu wara t-twelid u li wkoll ikun kompletament imħallas. Ġie propost ukoll il-leave tal-paternitá għall-inqas għal perjodu ta' ġimgħatejn.

L-MEP Soċjalista tal-Portugal, Ms Edite Estrela ipproponiet bis-sħiħ l-estensjoni ta' 20 ġimgħa għax dan il-perjodu stipulat jagħti żmien biżżejjed lin-nisa biex jirkupraw mit-twelid tagħhom, jagħmlu kuraġġ biex jreddgħu lit-tarbija, waqt li jsawwru rabta qawwija mat-tarbija tagħhom.

F'Ottubru 2010 fil-Parlament Ewropew għaddiet riżoluzzjoni b'maġġoranza biex tkun tista tiżdied l-estensjoni tal-leave tal-maternitá minn 14-il ġimgħa għal 20.
Dan ir-riżoluzzjoni kienet b'għan sħiħ biex jingħata ċans lil mara terġa' tirritorna għax-xogħol wara t-twelid tat-tfal u hi inizjattiva tajba li tagħti opportunitá lin-nisa jżommu l-post tax-xogħol.



Madanakollu, f Diċembru ta' l-istess sena waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri, l-istati membri, inkluż Malta oġġezzjonaw għal din ir-riżoluzzjoni.

Kuntrarju għal dak li jaħsbu, l-estensjoni fil-leave tal-maternitá ma jkunx ta' piż fuq l-ekonomija Maltija, imma bil-kontra, għax meta aktar nisa jkunu nklużi fid-dinja tax-xogħol l-ekonomija tmur aktar tajjeb.

Skond il-Kummissjoni Ewropea, l-istati membri fl-Unjoni Ewropea jistgħu jirdoppjaw it-tkabbir ekonomiku tagħhom sa 35% fir-Renju Unit, 40% fl-Olanda u Malta b'45%. Dan jista' jintlaħaq biss meta jintroduċu miżuri li bihom iżidu l-ugwaljanza bejn is-sessi.

L-estensjoni tal-leave tal-maternitá huwa essenzjali u min jamministra l-politika relatata għandu jħares b'mod ħolistiku lejn din is-sitwazzjoni. B'hekk jintlaħaq progress soċjali.

Biex jintlaħaq dan, hemm bżonn li tiġi kkunsidrata wkoll is-sitwazzjoni demografika ta' pajjiżna fejn għandna rata baxxa tat-twelid. Din ir-rata baxxa ser ikollha effetti negattivi fit-tul fejn ser ikun hemm żieda sostanzjali ta' pensjonanti u ftit nies jaħdmu biex iħallsu l-kontribuzzjonijiet. Jekk ir-rata tibqa' baxxa il-pajjiż ser jispiċċa b'taxxi għolja, anqas kontribuzzjonijiet imħallsa, u dan b'effett immedjat fuq is-sostenibilitá tal-pensjonijiet.

Ma' dan ukoll hemm il-ħtieġa ta' aktar faċilitajiet u miżuri favur il-familja fosthom *child care facilities* li jkunu aċċessibbli minn kulħadd. Dan għandu jinkoraġixxi anke lil ommijiet xebbiet biex joħorġu jaħdmu. Ħafna drabi dawn joqgħodu lura għax ma jkollhomx ma' min iħallu lil uliedhom u anke minħabba l-problema ta' finanzi.

Bl-introduzzjoni ta' dawn il-miżuri aktar nisa jitħajjru joħorġu jaħdmu u jagħtu kontribut lejn id-dinja tax-xogħol. Quddiem sitwazzjonijiet bħal dawn ma nistgħux nibqgħu nħarsu u nistennew li l-affarijiet ser jiġru waħedhom kif għandna tendenza nagħmlu f'dan il-pajjiż. Għandu jittieħed l-ewwel pass favur il-familja u b'hekk jiżdied il-progress ekonomiku kif ukoll ikun mezz biex jikkumbatti l-faqar li jinsab magħna.

## Samah Jabr

*Minn paġna 4*

***Inti tkellimt dwar "Iżlamofobija". Raġuni waħda li jagħtu ħafna għal dan il-fenomenu hija l-perċezzjoni li ħafna fil-Punent għandhom dwar il-Musulmani radikali li qed iżidu l-għeruq tagħhom ta' kull jum fis-soċjetà Palestinjana u dawk Musulmani, inġenerali. Dan huwa verament il-każ?***

Iva u le. Oriġinarjament, fil-Palestina, r-reżistenza għal okkupazzjoni, twettqet bi gruppi lajċi ggwidati minn ħafna Palestinjani fuq ix-xellug, inkluż membri tal-Partit Komunista lokali. Kien hemm (u xi wħud għadhom) wkoll Kristjani ħafna, inkluż il-kleriku Hilarion Capucci, (li reċentement kienu fuq il-Flotta tal-Paċi u li l-preżenza tagħhom intużat mill-Iżraeljani bħala skuża għal assedju fuq il-flotta), persuni u għaqdiet li kienu prominenti ħafna fil-reżistenza Palestinjana. Iżda jidher li l-affarijiet inbidlu, u mhux sempliċement għal raġunijiet ideoloġiċi. Huwa fatt magħruf li n-nies jista' jkollha tendenza li jsiru aktar reliġjużi meta jkunu f'xi diffikultajiet, dawn huma sintomi miġjuba min-natura per se jew minn nies oħra, bħal fil-każ fil-Palestina. Il-Fidi għandha rwol protettiv u tagħti tweġibiet lil ħafna mistoqsijiet kbar tal-ħajja, kemm jekk ikunu soċjali jew metafisiċi. Dan qed jiġri fil-Palestina. Xi nies qed isiru aktar reliġjużi. Imbagħad, wara d-diżappunt diplomatiku wieħed wara l-ieħor, u minħabba l-inkapaċità tal-komunità internazzjonali biex jipprovdu soluzzjonijiet għall-problemi tal-Palestinjani, anki dawk il-persuni li mhumiex tant reliġjużi ġew avviċinati minn gruppi ta' ispirazzjoni reliġjuża li jistgħu jagħtuhom wens għad-diżappunt tagħhom.

Meta tqabbel illum mal-passat issib li llum il-Palestinjani għandhom inqas tama għal soluzzjoni paċifika tal-problemi tagħhom. Qed jesperjenzaw u jikkontestaw żidiet fit-tnaqqis tad-drittijiet tagħhom u l-art tagħhom. Dan, naturalment, iwassal għal frustrazzjoni u possibilment għal radikaliżmu fil-pajjiż. Barra minn hekk, wieħed ma jistax jqabbel iż-żieda fir-reliġjon sempliċement mal-vjolenza, kif spiss jiġri. Fil-Palestina hemm inizjattivi paċifiċi ħafna, inkluż xi wħud li huma ispirati minn nies reliġjużi, għalkemm dawn normalment jispiċċaw jiġu mwaqqfa, f'xi każijiet bil-vjolenza mill-forzi ta' l-okkupazzjoni Iżraeljana. Per eżempju, fil-Bilin, ħdejn Ramallah, jkun hemm dimostrazzjonijiet paċifiċi kull ġimgħa, kull ġimgħa, dawn jintemmu bil-vjolenza. Naf li ħafna nies fil-punent ma jafux dwar dawn l-inizjattivi, kif ukoll hemm sforz biex dawn l-inizjattivi ma jsirux jafu bihom. Per eżempju, ftit xhur ilu tfajla iffilmjat attivista tiġi milquta b'tir f'riġlejha. Missierha poġġa l-film fuq l-Internet. Ftit wara, missierha kien arrestat għal dan. Dan huwa biss eżempju ta' dak li qed jiġri fil-Palestina.

***Dwar inizjattivi paċifisti, hemm ukoll il-Moviment għall-Paċi Iżraeljan. Kemm hu effettiv dan il-moviment?***

Sfortunatament, huwa inqas effettiv. Jew biex inkunu aktar preċiżi, m'għadux effettiv daqs kif kien darba. Fis-snin tmenin, per eżempju, wara l-massakri ta' Shatila u Shabri, eluf ta' Iżraeljani ħarġu fit-toroq biex jipprotestaw kontra l-armata tagħhom. Kien hemm protesti simili meta l-Iżrael attakka l-Libanu fl-2006 u Gaża fl-2008 meta kien hemm attakk fuq Flotilla. Il-lum il-Moviment għall-Paċi Iżraeljan ma għadux tant effettiv. Huwa maqsum ħafna, għandu divizjonijiet interni u sar pjuttost marġinali.

# Unfair Distribution

**Sammy Camilleri**

When Mahatma Gandhi, more than 70 years ago, remarked that *"The world holds enough to satisfy everyone's need, but not everyone's greed".* He was pithily identifying the main cause of the world's social and economic problems, and he was also pointing to their obvious solutions.

Poverty, hunger, homelessness, illiteracy, polluted air and water preventable disease and most of the other ills that beset us have one root cause; *the inequitable distribution of the Planet's wealth and resources.*

People who have enough money – no matter where they may live are not poor, do not go hungry, do not lack shelter or a good education and have access to quality health care. Famines don't break out in posh residential districts. Business executive don't line up at Food Bank or sleep on park benches. The rich can afford to stay healthy and live longer than the poor.

These simple facts are clear. They underscore the equally obvious fact that most human misery and injustice can be easily prevented by a fair allocation of the world's wealth.

Unfortunately, the prevailing economic system – *Laissez Faire Capitalism* – promotes, defends, and even extols a brutally unequal distribution of wealth. Its three ideological principles are greed, competition and individualism, all of which militate against social and economic justice. So we have a system in which the top Executives or Microsoft control more wealth than all the people in the world's 50 poorest countries.

We have 450 'billionaires' with more wealth than the 'poorest' two and half billion people, and the proponents of this grossly inequitable system see nothing wrong with it.

They would presumably not object if eventually 600 'billionaires' accumulated more wealth than 90% of the rest of the human kind. *"That's what a free market economy is all about"* they would tell us.

They even have the gall to argue that, because the enrichment of a privileged few drains money to maintain social security system, it should be dismantled. Instead of raising taxes on the rich, they say, let's keep cutting those taxes – even if it means also cutting health care, education, unemployment insurance benefits, and other social programs and the political leaders control are quick to do their bidding.

The upshot is that the function of redistributing wealth is now mainly taking the form of charity. Thousands of charitable organisations beg the corporations and the high – income groups to share some of their wealth with the needy. Appeals for charitable donations clog the mail, the airwaves and the telephone lines.

All of the causes championed by charities are worth while. All of the hungry and destitute they help is deserved. But the growing dependence on handouts from corporations and the affluent elite has two serious flaws; it perpetuates – perhaps even institutionalised – a system build on avarice and inequity; and it ensures that the problems of poverty and hunger will persist and even get worse because the proceeds of charity alone will never be enough to eliminate them.

# X'riedu l-unjins mill-baġit li għadda

**Rapport dwar Diskussjoni organizzata minn Żminijietna 'X'Nistennew fil-Baġit 2011'**

Id-diskussjoni pubblika dwar il-Baġit ittellgħat fi 2 ta' Ottubru 2010 ġewwa 60a, Triq id-Dejqa, l-Belt Valletta u kienet s-sittax mis-sensiela ta' diskussjonijiet pubbliċi dwar temi politiċi u soċjali li qed jiġu organizzati minn Żminijietna.

Il-kelliema prinċipali kienu Tony Zarb (GWU), Gejtu Vella (UHM), John Bencini (FOrum Unjins Maltin) u Moses Azzopardi (Kunsill Nazzjonali tal-Pensjonanti). Mexxa d-diskussjoni l-ġurnalista James Debono

James Debono saqsa lill-Kelliema preżenti, *"l-fatt li l-imsieħba soċjali, kull sena qed joħorġu bil-proposti, dana qed jwassal għal xi ħaġa? X'inhuma l-proposti l-aktar kruċjali li tistennew li jkunu nklużi fil-baġit 2011?".*

Moses Azzopardi qal li meta tqies li l-popolazzjoni anzjana qiegħda dejjem kullma jmur tikber u aħna sa llum m' ahniex rappreżentati f'MCESD biex niddiskutu l-Baġit, dana diġa jirrifletti ħażin. Filfatt sa 2020 ser jkun hemm ħafna aktar votanti fuq il-ħamsin sena milli anqas mill-ħamsin. Nemmnu li l-Gvern għandu jagħmel kontroll fuq l-infieq u dħul tiegħu. Ma' naqblux li jitnaqqsu l-benefiċċji, imma naqblu li jinqata' l-abbuz.

Ma naqblux li l-irtirar mix-xogħol għandu jkun mandatorju. L-eta ta' l-irtirar m' għandiex tinħadem ma' kemm il-bniedem jgħix imma ma' kemm huma l-'Healthy years'. Studju dwar l-aħħar għaxar snin juru li snin żdiedu, imma l-'Healthy years' baqgħu l-istess. Studji oħra juru li 'Dementia' ser tiżdied madwar l-UE, din ser jkollha effett dirett fuq l-etá ta' l-irtirar. Ħaddiema ta' etá il-fuq minn 59+ li jaħdmu f'xogħol 'skabruż' għandhom jingħataw xogħol alternattiv *(light)* u d-differenza fil-paga, f'każ ta' tnaqqis, għandha tkun issussidjata mill-Gvern. Spanja din qed titħaddem.

Jidher li biex ngħelbu l-problema ta' faqar fil-ġenerazzjoni anzjana ser tkun ħafna aktar diffiċli. Ir-rata Ewropea hija ta' 19% u f'Malta rata laħqet 22%. Nemmnu li dħul minimu adegwat tal-pensjoni ma'jistax jkun inqas minn 60% ta' dħul medju.

Gejtu Vella (UHM) tkellem favur id-djalogu soċjali. Nemmen li għandu jsir *stock taking* ta' proposti li daħlu fil-baġits preċedenti u li għadhom ma twettqux fil-miri tagħhom. Il-Gvern għandu jżomm mal-wegħda li darba kull tlett xhur jitlaqqa' l-MCESD biex ssir evalwazzjoni dwar l-andament ta' l-ekonomija u jsir skrutinju ta' dawk il-proposti li qed jiġu relegati. Naraw li l-aspetti soċjali f'Malta qed jiġu rrelegati għat-tieni klassi f'Malta. Għadna nipproduċu żagħżagħ li lanqas jafu jiktbu u jaqraw, dawn x'ser isir minnhom. Il-problema li naraw wkoll fuq livell Ewropew hu li l-partiti politiċi ta' ċentru qed jiċċaqalqu u jmorru aktar lejn il-lemin, askapitu ta' l-aspetti soċjali.

John Bencini (MUT) enfasizza li sa llum l-FOrum għadu mhux rappreżentat fl-MCESD. L-FOrum hu ffurmat mill-11 il-Unjin, u jidher li l-Gvern qed jiġi jaqa' u jqum minnha. Din mhi xejn ħlief politika ta' esklussivita. Rappreżentant mis-'Social Dialogue Ewropew' wkoll baqa' skantat b'dak li qed isir magħna mill-Gvern. Nappellaw biex il-Unjins jappoġġjaw it-talba tagħna.

Fid-dokument pre-baġit, il-Gvern qal li jrid jagħmel aktar enfażi fuq l-Edukazzjoni u s-Saħħa. Il-problema li naraw hi li fl-Edukazzjoni 4 minn kull 10 mhux qed jkomplu l-iskola wara s-sekondarja, hekk kienet 5 snin ilu, u hekk inhi llum. 2000 tifel u tifla lanqas is-Sekondarja ma jkunu għamluha kollha. Dawn l-affarijiet qed jitfgħu lura l-pajjiż biex jilħaq il-miri ta' Liżbona. L-assenteiżmu hija problema u saħta, u l-Gvern qed joħlom meta jgħid li se jilħaq il-mira ta' 85% minn 60%, meta llum għadna lanqas bdejna. Fl-Edukazzjoni, investiment irid isir mhux 'cuts', iġifieri hemm bżonn ta' aktar investiment fir-riżorsi umani.

Rigward il-ħinijiet ta' l-iskola, bħala FOrum naqblu ma' sistema kif mħaddma mill-'*Education for Educational Services*', fejn dawn qed joffru taħrig f'diversi oqsma wara l-ħin tal-iskola fosthom fid-drama, il-mużika etc, imma li jiżdied il-ħin ta' l-iskola obbligatorja, din aħna kontriha. Jekk tiddaħħal din toħloq tbatija żejda fuq il-ġenituri u t-tfal. Irridu nifhmu li għalliema huma ġenituri wkoll u t-tfal ikollhom il-homework x'jagħmlu.

Nemmnu li l-aspett soċjali għandu jingħata l-importanza mistħoqqa fil-baġit, speċjalment il-kontijiet esaġerati tad-dawl u l-ilma. Il-Faqar F'Malta qed kullma jmur jiżdied.

Tony Zarb (GWU) qal li jaqbel ma' djalogu soċjali imma dan ma għandux jkun djalogu soċjali falz jew farsa. Bħala Unjin naqblu li Gvern għandu jiltaqa' ma' l-imsieħba soċjali kull tlett xhur, kif filfatt kien ġie maqbul bejn il-Gvern u l-imsieħba soċjali fl-MCESD. Filfatt il-Gvern kellu jiltaqa' magħna biex jgħidilna x'sar mill-proposti tal-baġits preċedenti qabel ma niddiskutu l-proposti għall-baġit li jmiss. Nemmnu li l-Baġit li jmiss għandu jtaffi l-piżijiet li ntefgħu fuq il-poplu, qed nappellaw lil gvern għall-baġit b'ruħ soċjali".

Iż-żieda tal-Cola mhiex biżżejjed biex tagħmel tajjeb għaż-żieda fil-prezzijiet ta' dawl u l-ilma. Fil-kaz tal-pensjonijiet nemmnu li l-ewwel li għandna nindirizzaw huma l-anomaliji li jeżistu fil-pensjonijiet, qabel ma' mmorru biex niddiskutu t-tieni pilastru. Ix-xogħol prekarju hu problema oħra li qed jiffaċċjaw il-ħaddiema. Jeżistu ħaddiema li lanqas il-'*cost of living increase*' mhu qed jingħata lilhom. Ħafna oħrajn lanqas qed iħalluhom jissieħbu fi trejdjunjin.

Aħna qed naraw li hu l-Gvern stess li qed jippromwovi x-xogħol prekarju, bil-kuntratti tiegħu u bl-ingaġġ ta' ħaddiema '*self employed'*. Il-Gvern m'għandux iħalli lil min jikser il-liġi u jrid jkun ta' eżempju.

Gejtu Vella (UHM) kompla biex qal li fuq nota pożittiva, l-pajjiż irnexxielu jżomm il-ħaddiema fil-postijiet tax-xogħol. Imma bħala Unjin nemmnu li ma' jistax ikollok ekonomija b'saħħitha, jekk int tinjora il-qagħda soċjali u l-kundizzjonijiet tal-ħaddiema, l-istess ta' dawk refuġjati. Il-Gvern kien wiegħed, fil-baġit preċedenti, li mhux ser jimpjega aktar ħaddiema miegħu fuq bażi ta' 'self employed'. Sa llum din ġiet injorata.

Naqblu li dawk ir-refuġjati li jistgħu jaħdmu għandhom l-ewwel jirreġistraw ma' ETC u entrepreneur jeħodhom minn hemm u mhux kif isir illum direttament mit-toroq tal-Marsa. Dan għalina mhu xejn għajr '*social dumping'*, u hu theddida diretta ma' dawk il-ħaddiema li jgawdu minn kundizzjonijiet diċenti.

John Bencini (MUT) kompla billi qal li x-xena tal-Marsa tagħti '*bad impression*' tal-pajjiż u għalija hija dieqa. Il-Gvern għandu jindirizza din mill-aktar fis sabiex dawn il-ħaddiema jkunu regolati. MUT taqbel mall-proposta ta' UHM dwar l-emigrazzjoni u xogħol.

Tony Zarb (GWU) għamel referenza għall-proposta ta' UHM, fejn qal li hu jaqbel ma' l-proposta li l-emigranti jirreġistraw direttament ma' ETC, bid-differenza li flok il-paga tmur l-ETC, din tmur 'Dar l-Emigranti' u l-emigrant jiġborha minn hemm. Kompla biex qal li m'għandniex nilludu ruħna li l-kundizzjonijiet ħżiena tax-xogħol huma attribwiti biss ma' ħaddiema emigranti, fosthom hemm ukoll ħaddiema Maltin u ħaddiema mill-Ewropa tal-Lvant.

Aħna nafu li suppost ħaddiem jekk iweġġa', is-sid responsabbli tiegħu, la qed jaħdem miegħu u jien nsaqsi, "Dak il-ħaddiem emigrant li miet il-Mellieħa ftit ta' snin ilu, fuq il-post tax-xogħol u min iħaddmu qallhom li lanqas biss kien jafu lil dan, u kollox baqa' għaddej qisu xejn mhu xejn, fejn lanqas inkjesta ma saret."

David Pisani minn Żminijietna - Leħen ix-Xellug qal li kienet ħaġa pożittiva l-fatt li l-Unjins Ewropej fl-aħħar stembħu li ma' jistax jkun li l-Gvernijiet jibqgħu għaddejjin bil-miżuri ta' awsteritá u l-fatt li l-Unjins kollha f'Malta qegħdin jappellaw għal baġit soċjali. F'Malta il-miżuri ta' awsteritá daħħlu baxx baxx, mhux fil-baġits imma, matul is-sena. Nistaqsi jien lil Unjins, x'qed nifhmu meta ngħidu li rridu Baġit li jħares l-aspett soċjali?

Aħna nemmnu li servizzi li huma essenzjali għandhom jibqgħu jiġu garantiti mill-Istat. Aħna favur sussidji li jipproteġi l-aspett soċjali, fosthom fl-użu tal-gass domestiku. Kif ukoll nemmnu li servizzi soċjali għandhom jibqgħu pubbliċi. Hawnhekk nara nuqqas minn naħa tal-Unjins favur din it-tip ta' politika.

Il-problema tal-Housing għadha magħna u teħtieġ attenzjoni. Ix-Xogħol Prekarju jista' jiġi ndirizzat biss, billi l-ewwel nett il-Unjins jersqu iktar viċin lejn xulxin, u mhux jaħdmu kontra xulxin. Il-pass sabiex il-FOrum jissieħeb fl-MCESD għandu jkun l-ewwel pass li jgħaqqad il-Unjins flimkien u hawn nappella l-UHM biex jappoġġja lil FOrum. Huwa tajjeb li nifmhu li t-Tnaqqis fit-taxxa hu ta' detriment għal sostenibilita tal-Welfare state. Fil-każ ta' tariffi ta' dawl u l-ilma għandha ssir riforma fejn il-Gvern jippenalizza l-ħela u mhux l-konsum bażiku.

Gejtu Vella għamel referenza għall-kwistjoni ta' FOrum Unions Malti u saqsa "imma l-FOrum biss jistgħu jagħtu kontribut fl-MCESD? Imma allura liema rappreżentanti oħra għandhom jkunu msieħba fl-MCESD? Imma ejja niddeċiedu. Għaliex għandna ninkludu lil dawn u lil dawn le, meta hemm oħrajn li nemmen li jistgħu jagħtu kontribut fl-MCESD fosthom il-pensjonanti, il-bdiewa, is-soċjeta ċivili etc."

John Bencini (MUT) irribatta u qal li meta twaqqaf l-MCESD, l-iskop kien li jkollok *tripartied*, iġifieri rappreżentanti tal-Gvern, Min Iħaddem u l-Unjins. L-Unjins u rappreżentanti ta' Min Iħaddem huma lkoll msieħba f'konfederazzjoni. Aħna bħala Unjin ser nibqgħu naħdmu sabiex nkunu msehbin fl-MCESD. Din id-deċizjoni jrid jeħodha l-Gvern peress li ma hemm xejn fil-liġi jew fil-minuti li jgħidlek li trid xi permess jew kunsens

Ikompli f'paġna 7



# Seminar ta' Żminijietna

*Ikompli minn paġna 6*

ta' xi ħadd mill-MCESD, imma biss il-kunsens tal-Gvern. Il-Kamra tal-Kummerċ ta' Ghawdex wkoll qed jappellaw il-Gvern sabiex jkunu msieħba fl-MCESD.

Tony Zarb (GWU) qal li sa llum in-naħa tal-ħaddiema għandha żbilanċ fl-MCESD, fejn għandek ħames rappreżentanti ta' Min Iħaddem u erbgħa minn naħa tal-ħaddiema. Iġifieri hemm post ieħor li jista' jimtela mill-FOrum. Imma ma dan irridu naraw it-tibdil li għandu bżonn isir fl-MCESD. Irrid nfakkar li sentejn ilu l-GWU resqet proposta fejn proponejna li l-MCESD nagħmluh jaħdem bħall-Kunsill Ekonomiku u Soċjali ta' l-Unjoni Ewropea, fejn fih nsibu rappreżentanti tal-Ħaddiema, ta' Min Iħaddem u l-NGOs, fejn anke l-pensjonanti jiffurmaw parti minn dan il-Kunsill.

Michael Camilleri (parteċipant) qal li jiddispjaċih meta jara Trejdjunjins jaħdmu kontra xulxin, aħseb u ara kemm qatt jista' jkollna TUC. Feraħ wkoll lil GWU li attendiet fi Brussel biex timmanifesta spalla ma' spalla ma' ETUC kontra l-miżuri ta' Awsteritá. Nemmen li hemm minn għandu nteress li MCESD jżommuha żbilancjata sabiex il-Gvern jagħmel li jrid. Il-COLA nemmen li għandha tingħata sħiħa lill-pensjonanti.

Alfred Vella (parteċipant) qal li jemmen li fil-baġit li ġej il-Gvern għandu jinkludi proposti għal riforma fil-pensjoni bażika li tkun waħda adegwata. Il-paga minima nazzjonali għandha tkun diċenti u mandatorja mill-Gvern. Dawn it-tnejn imorru flimkien. Il-'*purchasing power'* qed kullma jmur jonqos. "Ikun b'saħħtu l-pajjiż, daqs kemm ikollok ċittadini b'saħħithom. Mhux veru li jekk jogħlew il-pagi jiżdied il-qgħad, kieku l-pajjizi Afrikani mifqugħin bl-investiment". Nemmen li '*social wage'* għandha titħaddem mill-Istat bħala inċentiv lil Min Iħaddem biex jakkwistaw l-aħjar ħaddiema u b'hekk nkunu qed niġġeneraw xogħol b'kundizzjonijiet tajba ħafna.

Moses Azzopardi (Kunsill Nazzjonali tal-Pensjonanti) qal li għandu jkun hemm kalkoli differenti għal anzjani, fejn fihom jiġi kkalkolat b'mod realistiku l-għoli tal-ħajja u '*retail price index'*. Il-fatt li rata tal-faqar fl-anzjani żdiedet minn 16% għal 22% hu ta' min jitħasseb. Kunċett tajjeb li nistgħu nirriċerkaw biex naddottaw f'Malta huwa l-kunċett bl-isem ta' *'Reference Budget for Social Inclusion'.* Kunċett mħaddem tajjeb fi Danimarka u l-Isvezja. Preżentament fuq livell Ewropew qed nitkellmu ma' rappreżentanti tagħna li qegħdin jaħdmu sabiex tidħol fis-seħħ bħala direttiva żieda fil-paga minima. Li tkun l-ekwivalenti ta' 60% ta' '*median wage*' biex niġġieldu l-problema tal-Faqar fl-Ewropa. Aħna bħala Assoċjazzjoni m'aħniex kontra '*second pillar*', imma l-ewwel irridu naraw li nsaħħu l-pensjoni bażika sabiex il-bniedem jghix diċenti.

Fl-Irlanda meta l-Gvern daħħal is-'second pillar' fuq bażi volontarja rreġistraw għalih 20% tal-ħaddiema. Biex jitħaddem is-'*Second Pillar*' nemmen li l-Gvern għandu jkun hu regulatur, fejn il-Gvern jidħol u jamministra hu '*second pillar*'. Imma qabel irridu naraw xi jridu l-ħaddiema u mhux xi jridu l-istituzzjonijiet finanzjarji.

Gejtu Vella (UHM) qal li meta nitkellmu fuq sussidju, irridu nifhmu li dana nkunu qed nħallsu għalih aħna. Kont iktar nippreferi li jkollna kontroll fuq in-nefqa. Eż fit-teħid tal-mediċini fejn hemm abbużi kbar u ħela. Minn naħa tagħna aħna bghatna wkoll rappreżentant mill-CMTU sabiex jippartеċipa fid-dimostrazzjoni ta' Brussel.

Tony Zarb (GWU) kompla biex qal li jkun tajjeb li l-Unjins jieħdu l-eżempju ta' sħabna Unjins fi Brussel u jagħmlu l-istess f'Malta meta jsiru dimostrazzjonijiet u mhux jużaw kejl differenti.

Fl-għeluq l-Organizzazzjonijiet, għal mistoqsija ta' James Debono dwar '*living wage*', lkoll saħqu li din hija proposta tajba, li tajjeb li nibdew nikkunsidrawha u nistudjawha. Imma lkoll qablu li l-ewwel enfażi għandha ssir sabiex tiżdied il-paga minima, bl-eċċezzjoni ta' UHM fejn din qed tissuġġerixxi li l-ħaddiema kollha bil-paga minima għandhom jingħataw xi forma ta' taħrig, u jingħataw 'allowance' waqt li jkunu qed jitħarrġu. Dana jgħin biex l-istess ħaddiema jinqalgħu mill-posizzjoni preżenti tagħhom f'dik li hi dħul tal-paga u x-xogħol.

# Persons with disability matter, so do our attitudes

"*If you don't like something change it; if you can't change it, change the way you think about it*" Mary Engelbreit

Disability has often been stigmatized and considered a taboo in the Maltese community. Persons with disability were thought of not worthy of being 'visible' in society. They were usually segregated, as parents felt ashamed. The sense of shame was the related to a religious belief that they have been punished by God, for having done something wrong.

Thankfully, the understanding of people with disability changed and it has entered the sphere of politics, rights and legislation. Persons with disability require more support from the Government in areas and issues related to education, employment and independent living in communities. Engagement in all these sectors through informal education is an important tool, with an emphasis on inclusion for the carers and persons with disability, alike.

However, words remain hollow without well-planned budget to cover the needs and facilities. To this end, an important development of centres for persons with disability, through public-private partnerships must be seriously considered. A change to reclaim their rights and to gain control over their lives, must be provided institutionally. Without the existence of supportive institutions, persons with disability experience the dead weight of helplessness that result in a distorted image of self, low esteem and poor sense of worth.

Some 80 million EU citizens are having difficulty using public buildings, facilities and services such as shops, transport and websites because they have some kind of disability. Most of us take it for granted that they can hop on a bus to go shopping, visit friends, to see a play or a sports game. Surfing the Internet or enjoying a TV show is taken for granted, as is the right to vote in elections. But for the 80 million Europeans with a disability, there may be major obstacles that put these activities out of reach. To address this situation, the European Commission launched a 10-year strategy to improve accessibility and promote equality, in November.

The **European Disability Forum** (EDF) brings together more than 50 national and European organisations representing people with disabilities. It wants the Commission to develop a template and a calendar so that national authorities would be obliged to provide reports on a regular basis, giving details about the actions they are taking to ensure respect for the relevant EU legislation and to improve the lives of people with disabilities. The strategy includes a list of concrete actions and a timetable. The Commission will regularly report on the strategy's achievements and progress complying with its obligations under the *United Nations Convention on the Rights of People with Disabilities,* which it has signed.

Alternattiva Demokratika, the Green Party fully supports the proposal of the European Commission to standardize the social benefits for persons with disability in all Member States to ensure that such persons do not face additional hurdles when they travel across the different countries of the European Union.

**Nighat Urpani-** 'Alternattiva Demokratika - The Green Party' spokesperson on Social Protection and Health

# Spiritwalità tax-Xellug

Mhux ħaġa komuni li f'pajjiżna jkollok ktieb dwar u tal-Knisja, fejn it-temi ewlenin m'humiex jekk l-abort u d-divorzju humiex dnub jew le, fejn saċerdot jistqarr li "…*Kattoliku…jista', u forsi għandu jivvota…*" lil partit Komunista, fejn jiġi rikonoxxut lil Marx, il-mertu li fakkar lill-bosta Nsara fl-Amerika Latina dwar it-tradizzjoni tal-profeti tal-Antik Testment, fejn hemm kritika lill-istrutturi ewlenin tat-tmexxija tal-Knisja, fejn saċerdot ieħor imdaħħal fit-Teoloġija tal-Liberazzjoni jistqarr li dwar l-omosesswalità li "*Għadna lura. Għad irridu naslu*", fejn hemm sezzjoni dedikata lill-Iżlam, u fejn hemm kapitlu ieħor dedikat lill-Ispiritwalità Nisranija ta' dak li ħafna kienu jqisu bħala xitan liebes il-ħwejjeġ, jiġifieri Manwel Dimech.

Fil-Ktieb Knisja tat-Triq madankollu, issibu dan u aktar. Il-ktieb, miġbur mill-kontributur ta' *Żminijietna* Michael Grech, jinkludi kitbiet u kontributi ta' Fr Mark Montebello, Maria Zammit, Michael Zammit, Patri Ġwann Xerri, Dun Antonio Dell'Olio, Bernard Cauchi, Dun Renè Camilleri, kif ukoll ta' l-istess Grech. Waqt li fid-deher il-ktieb jidher li hu ktieb 'reliġjuż', bosta kitbiet joħorġu barra minn din l-għalqa u jinkludu kitba li fiha lemħiet filosofiċi, storiċi, soċjoloġi u, fuq kollox, politiċi.

Fost it-temi oħra li *Knisja tat-Triq* jiddiskuti hemm il-ħakma konservattiva fuq l-istrutturi tal-poter tal-Knisja f'dawn l-aħħar snin, it-Teoloġija tal-Liberazzjoni, ir-rabta bejn il-Marxiżmu u l-Kristjaneżmu, il-Ħdax ta' Settembru u l-Imperjaliżmu, il-Paċifiżmu u l-fidi Nisranija, id-dmir tal-Insara Maltin li jħarsu n-newtralità, l-immigrazzjoni u r-raġunijiet li jwasslu lil bosta biex jemigraw, ir-razziżmu, il-multikulturaliżmu, l-assurdità ta' ħafna mid-diskors li jsir dwar 'l-identità Maltija', il-futur tar-reliġjon u r-rilevanza li din għandu jkollha, u oħrajn. Dawn it-temi huma ġeneralment meqjusa minn lenti bibblika, progressiva u xellugija.

Il-ktieb jista' jinteressa kemm lil min jemmen u għandu tendenzi progressivi, kif ukoll lil min ma jemminx, imma hu interessat isir jaf dwar/jiddjaloga ma' spiritwalità li mhux tħares lejn is-sema biex tnessi dak li hemm fl-art, imma li, fi kliem Patri Ġwann Xerri f'silta minnhom, "…*tfittex il-ferħ u l-glorja t'Alla…* (fil-)*ferħ u l-glorja tal-bniedem … fl-art illum….*" Il-ktieb jinbiegħ bil-prezz ta' 5 ewro. Min irid aktar informazzjoni jista' jikkuntattja lil Grech fuq mmg752001@gmail.com.



## Indikazzjonijiet ċari u nkontestabbli

# Il-faqar fil-gżejjer Maltin

**minn**
**Mark Montebello**

Ħafna drabi, ikollna ftit indikazzjonijiet ċari u inkontestabbli tal-ħsara li l-politika Neo-Liberali qiegħda tagħmel fostna. Inkunu nixtieq–u li t-teoriji tagħna, li aktarx ma jkunux jonqsu minn fundament ideoloġiku, jitlaqqgħu ukoll ma' evidenza empirika li tappoġġjahom.

Ngħidu aħna, x'inhi eżattament is-sitwazzjoni tal-bdiewa Maltin? Kif qed jintlaqtu eżattament is-sajjieda tagħna? X'inhi eżattament il-qagħda taż-żgħażagħ li jridu jiżżewwġu? X'sitwazzjoni teżisti eżattament bir-renti tad-djar? Kif qed jaffettwawna eżattament ir-rati tat-taxxi? X'effett qed iġarrbu eżattament il-pagi tan-nies? Liema huma eżattament in-nuqqasijiet fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem f'Malta u Għawdex?

**Numri konkreti**

Għalkemm xi wħud minna ħafna drabi jafu jagħmlu diskors teoretiku solidu dwar dawn il-kwestjonijiet, speċjalment fir-relazzjoni tagħhom mal-ekonomija globali u l-politika Neo-Liberali, l-appoġġ kwantitattiv, statistiku u empiriku għalihom mhux dejjem isir. Ir-raġuni ewlenija hija li spiss jiġri li l-fatti konkreti aġġornati qajla jkunu jistgħu jsibuhom jew jaċċessawhom. Ftit li xejn jeżisti bank informattiv li jgħidilna bl-eżatt x'inhu għaddej fil-ħajja fattwali tan-nies.

L-istatistiċi pprovduti mill-Eurostat dan l-aħħar huma wħud mill-ftit numri konkreti li għandna f'dan ir-rigward. Minkejja li presumibbilment min jipprovdihom lill-Eurostat min-naħa tal-gvern Malti jkun jixtieq li jagħti l-aktar stampa ottimista tal-ekonomija Maltija, xorta waħda dawn l-istatistiċi jixkfu realtà li ma tistax tiġi injorata. It-tabella t'hawn fuq hija xhieda ċara ta' dan.

**Xi ħaġa ħażina**

Mit-tabella wieħed jista' jinnota faċilment li l-qagħda ekonomika soċjali qiegħda tiġi affettwata ħażin mill-politika kurrenti tal-gvern u l-alleati tiegħu. L-istatistika ġbartha min-numri li tagħti l-Eurostat fuq il-website tagħha. Il-perċentwali għal dawk il-persuni fil-gżejjer Maltin li jinsabu fil-faqar jew fir-riskju tal-faqar ingħataw hekk: għall-2006, 12.5% tal-popolazzjoni; għall-2007, 13%; għall-2008, 13.3%; għall-2009, 14.8%. Maqlubin f'numri ta' persuni, dawn il-perċentwali jiġu kif jidhru fit-tabella li tajt. Ir-rata għall-2010 hija maħduma fuq il-medja ta' żjieda fis-snin ta' qabel.

Iż-żjieda fir-rata tal-faqar f'Malta u Għawdex hija preokkupanti. Apparti dan, turi abjad fuq iswed li hemm xi ħaġa serjament ħażina fil-politika li qed titħaddem. Politika tajba ma żżidx il-faqar. Iżda huwa evidenti — anki mill-istatistiċi uffiċjali — li l-faqar qiegħed jiżdied u din hija prova ċara tad-diskorsi kollha li jsiru dwar il-ħsara soċjali li l-ekonomija u l-politika Neo-Liberali li tappoġġjaha qegħdin jagħmlu.

**Xogħol il-bniedem**

Għalxejn xi wħud jitteorizzaw dwar kemm l-ekonomija Maltija sejra tajba. Huwa ċar daqs il-kristall




li sejra tajba għal xi wħud biss; għal oħrajn, evidentement sejra ħażin. L-istatistiċi tal-Eurostat huma, effettivament, indikazzjonijiet ċari u inkontestabbli tal-ħsara li l-politika Neo-Liberali qiegħda tagħmel fostna. Huma evidenza empirika li tappoġġja t-teoriji ta' xi wħud minna li s-sistema qiegħda sistematikament tipproduċi l-inġustizzja tal-faqar.

Ovvjament, il-faqar ta' 61,500 minna mhuwiex mir-rieda ta' Alla jew xi fattur ta' kumbinazzjoni. Lanqas ma hu neċessarjament dovut għall-għażż jew l-inkapaċità. Hu evidenti li qiegħed jinħoloq minn xi wħud minna li, waqt li jħaddmu l-politika tagħhom, qegħdin jaħsbu aktar f'xi wħud waqt li jinsew jew jinjoraw lil xi wħud oħrajn.

Il-faqar hu maħluq mill-bnedmin u huwa frott pjanfikazzjoni ekonomika u politika inġusta.

Ir-rati pprovduti mill-Eurostat juru żjieda fis-sena ta' madwar 2,300 persuna fqira ġdida. Relattivament, din hi rata ta' żjieda ċkejkna ħafna

**Il-komdi**

Però, bin-naqra n-naqra din il-qagħda kerha, bħal mewġa dieħla bil-mod, qiegħda tmiss dejjem aktar nies. Jekk ir-rata ta' żjieda tibqa' sejra l-istess, għada pitgħada se tmiss ukoll lil min illum iħoss ruħu fis-sod u fiż-żgur.

F'dan is-sens, l-istatistika uffiċjali tal-Eurostat, ibbażata fuq tagħrif ipprovdut mill-gvern Malti stess, hija argument qawwi għal min bħalissa qiegħed idawwar għajnejh u widnejh mill-fqar Maltin u Għawdxin u jixxaħħxaħ fil-ġid li għandu. Il-fatti juri li, ħtija tal-politika tal-gvern, il-ġid tiegħu qiegħed jitnaqqar. Bil-mod, tabilħaqq, imma ċertament qiegħed fattwalment jitnaqqar.

Għada pitgħada hu wkoll jista' jkun parti mill-2,300 fqar ġodda ta' pajjiżna. Azzjoni meħudha issa biss tista' ssalva lilu u lil ħaddieħor. Jekk le, bil-farka l-farka lkoll kemm aħna se nispiċċaw taħt il-wiċċ tal-ilma.

**Għall-azzjoni!**

Għaldaqstant, l-istatistika hija wkoll argument qawwi għall-azzjoni. Min s'issa kkuntenta ruħu bil-qagħda attwali biex ma jagħmel xejn, dan ma jistax jissodisfah aktar. Jeħtieġ azzjoni immedjata issa. Jeħtieġ li jinbidlu l-istrutturi ekonomiċi li, flok ġid komuni, qegħdin joħolqu l-miżerja fuq firxa dejjem wiesgħa. Aktar u aktar nies qegħdin jintlaqtu mill-effetti ħżiena ta' politika ekonomika dannuża li sejra tajjeb fid-deher biss.

---

# Il-partit AKEL fil-gvern ta' Ċipru

Il-Partit Komunista Malti kien mistieden u ħa sehem fil-Kungress tal-Partit tal-AKEL ġewwa Ċipru, Partit li llum jinsab fil-Gvern bħala *'ruling party'*. Il-Kungress sar bejn il-25 u 28 ta' Diċembru 2010. Għall-Kungress attendew 68 rappreżentant li jvarjaw mill-Partiti Komunisti, Xellugin u tal-Ħaddiema, minn madwar id-dinja kollha.

Il-Partit ta' l-AKEL twaqqaf fl-1926 bħala Partit Komunista ta' Ċipru. Fl-14 ta' April 1941 l-AKEL organizza l-ewwel Kungress. Il-Partit dak inhar nfetaħ għas-soċjetá kollha sabiex jkun moviment kbir kontra l-ħakma ta' l-Ingliżi u ġlieda kontra faxxiżmu. Tul dan il-perjodu ħafna mill-attivisti u nies li kienu jappoġġjaw lill-Partit Komunista sfaw maqtula, u oħrajn mitfugħa l-ħabs. Il-Partit beda jsejjaħ lilu nnifsu AKEL-The Progressive Party of the Working People.

Riċenti l-Partit immodernizza l-politika u l-ideoloġija tiegħu mingħajr ma ċeda il-karattru *Marxista-Leninista u l-prinċipji favur il-ġustizzja soċjali u wgwaljanza.* Il-Partit filwaqt li jirrikonoxxi li s-sistema ekonomika Ewropea hi waħda neo liberali, hu ser jibqa' jżomm il-politika soċjali tiegħu u jiġġieled fuq livell Ewropej għal Ewropa Soċjalista.

Il-Partit ta' l-AKEL għamel kisbiet kbar elettorali fejn f'Mejju ta' 2006 kiseb 31.1% tal-Voti li ssarrfu fi 18-il membru Parlamentari u kiseb id-dritt li jmexxi l-Koalizzjoni tax-Xellug. F'Diċembru ta' 2006 fl-Elezzjonijiet Lokali, il-Koalizzjoni ta' Xellug kisbet maġġoranza fl-ikbar 4 Muniċipji tal-Pajjiż, bi 3 minnhom immexxijin mill-Partit ta' l-AKEL.

Fl-Elezzjonijiet Presidenzjali ta' 2008 l-eks Segretarju Ġenerali tal-Partit ta' l-AKEL, Demetris Christofias ġie elett fit-tieni vot bħala l-President tal-pajjiż b' 53.3% tal-voti.

L-istess fl-Elezzjonijiet tal-Parlament Ewropew ta' Ġunju 2009 l-Partit ta' l-AKEL irnexxilu jikseb 34.7% u jeleġġi 2 minn 6 membri Parlamentari. Fil-fatt l-AKEL hu attiv fil-Blokk tax-Xellug Magħqud - GUE/NGL.

Fl-għeluq tal-Kungress il-Partit Komunista Malti wassal l-awguri tiegħu sabiex il-Partit ta' l-AKEL jerġa' jikseb suċċess fl-Elezzjonijiet li ser jsiru s-sena dieħla, dik Parlamentari u Presidenzjali. Il-PKM faħħar wkoll rwol attiv ta' l-AKEL fi sfera Ewropea, fil-Kunsill tal-Ministri u fil-Parlament Ewropew favur Ewropa Soċjali.

